

RIŻOLUZZJONI (UE) 2018/1434 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-18 ta' April 2018****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2016**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2016,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0082/2018),
- A. billi, fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità tal-kwittanza tisħaq fuq l-importanza partikolari li tissaħħaħ ulterjorment il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni permezz ta' titjib fit-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, u permezz tal-implimentazzjoni tal-kunċett ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni u governanza tajba tar-riżorsi umani;
- B. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u tal-infiq tagħha ⁽¹⁾, is-sussidju tal-Unjoni għall-baġit finali tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea ('l-Aġenzija') għas-sena finanzjarja 2016 kien jammonta għal EUR 29 086 327, ammont li jirrappreżenta żieda ta' 5,36 % meta mqabbel mal-2015;
- C. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2016 ("ir-rapport tal-Qorti"), stqarret li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

L-obbligi tal-Aġenzija

1. Ifakkar lill-Aġenzija li jeħtiġilha tirrispetta d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 109 u 110 tar-Regolament (UE) Nru 1271/2013 u li jeħtiġilha tissodisfa l-obbligi tagħha fil-proċedura ta' kwittanza, b'mod partikolari billi twieġeb għall-kwestjonarju mibgħut mill-Membri tal-Parlament Ewropew u twieġeb il-mistoqsijiet imqajma matul il-proċedura ta' kwittanza tal-2015, l-hekk imsejjaħ eżerċizzju ta' segwitu; iqis li l-Aġenzija ma ssodisfatx l-obbligi tagħha fl-2016 billi baġtet ir-risposti tagħha tard wisq u b'hekk kisret ir-regoli u l-obbligi tagħha; huwa tal-fehma li din tista' titqies bħala raġuni proċedurali biex il-kwittanza tiġi differita; huwa tal-fehma li tali dewmien ma għandux jerġa' jirripeti ruħu;

Segwitu għall-kwittanzi 2014 u 2015

2. Jinnota bi tħassib l-għadd ta' miżuri korrettivi li għadhom għaddejnin b'risposta għall-kummenti tal-Qorti fl-2014 u fl-2015 b'rabta mal-kopertura tal-assigurazzjoni, il-validazzjoni tas-sistema kontabilistika, il-pjan għall-kontinwità tal-operazzjonijiet u r-rata għolja ta' bidla fil-persunal; jistieden lill-Aġenzija tikkompleta għadd kemm jista' jkun kbir ta' azzjonijiet korrettivi fl-2018;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

3. Jinnota li l-isforzi ta' monitoraġġ tal-baġit matul is-sena finanzjarja 2016 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 100 %; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 82,42 %;
4. Jinnota li l-Aġenzija baqgħet tamministra ammont kbir ta' baġit delegat fl-2016 wara l-iffirmar ta' żewġ ftehimiet ta' delega ġodda (Sfruttament ta' EGNOS u Sfruttament ta' Galileo) matul l-2016; jinnota li fl-2016 ġie impenjat total ta' EUR 1 074 000 000 ta' baġit delegat u saru pagamenti għall-ammont ta' EUR 111 600 000;

Impenji u riporti

5. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, il-livell ta' riporti għall-appropriazzjonijiet impenjati fl-2016 kien għoli għat-*Titolu II* (Infiq amministrattiv) fl-ammont ta' EUR 2 806 212 (45 %), meta mqabbel ma' EUR 2 511 309 (42 %) fl-2015; jirrikonoxxi li dawk ir-riporti huma prinċipalment relatati ma' servizzi tal-IT pprovduti fl-2016 u li l-fatturi għalihom ma waslux;

⁽¹⁾ ĠU C 230, 24.6.2016, p. 4.

6. Jirrikonoxxi li l-livell ta' kanċellazzjonijiet ta' riporti tal-Aġenzija huwa baxx ħafna (0,7 % tal-linji tal-baġit globali fl-2016); jinnota li l-Aġenzija tqis li dan jikkostitwixxi indikazzjoni aħjar ta' ġestjoni baġitarja mil-livell ta' riporti nnifsu;
7. Jinnota li r-riporti spiss jistgħu jkunu parzjalment jew għalkollox ġustifikati minħabba n-natura pluriennali tal-programmi operazzjonali tal-aġenziji, li mhux neċessarjament jindikaw dgħufijiet fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-baġit, u li mhux dejjem imorru kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità, b'mod partikolari jekk ikunu pplanati minn qabel u kkomunikati lill-Qorti;

Trasferimenti

8. Jinnota li sitt trasferimenti interni ġew ipproċessati fl-2016, kollha kemm huma awtorizzati mid-Direttur Eżekuttiv billi kellhom x'jaqsmu ma' trasferimenti ta' ammonti jew fi ħdan it-Titoli jew ta' anqas minn 10 % bejn it-Titoli;

Politika tal-persunal

9. Jinnota li, fil-bidu tal-2016, l-Aġenzija kienet timpjega 99 aġent temporanju, 36 aġent kuntrattwali u 4 esperti nazzjonali sekondati, għal total ta' 139 membru tal-persunal; jinnota li, fi tmiem l-2016, l-Aġenzija kienet timpjega 113-il aġent temporanju (minn 113-il post awtorizzat taħt il-baġit tal-Unjoni), 43 aġent kuntrattwali u 4 esperti nazzjonali sekondati, hekk li l-għadd totali tal-membri tal-persunal kien 160;
10. Jinnota li, b'referenza għan-numru ta' postijiet okkupati fil-31 ta' Diċembru 2016, il-proporzjon tal-bilanċ bejn is-sessi kien ta' 36 % nisa u 64 % rġiel;
11. Jilqa' l-implimentazzjoni min-naħa tal-Aġenzija ta' diversi miżuri biex tqawwi l-attrazzjoni tagħha, kemm esternament kif ukoll internament, eż. billi tirrilieva l-importanza tal-missjoni tagħha, billi twessa' t-tixrid tal-postijiet battala tagħha u tissimplifikahom, billi tiċċara l-benefiċċji għall-persunal u billi ssaħħaħ l-ambjent kollaborattiv bejn id-dipartimenti sabiex tindirizza l-kwistjoni tar-rata għolja ta' tibdil fil-persunal; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-impatt ta' dawk il-miżuri;
12. Jenfasizza li l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għandu jkun parti mill-politika tal-persunal tal-Aġenzija; jinnota li l-baġit li ntefaq għall-attivitàjiet ta' benesseri jammonta għal madwar EUR 84,70 għal kull membru tal-persunal, li jikkorrispondi għal 1,1 jum; josserva li l-medja ta' jiem ta' liv minħabba mard fl-2016 kienet 7,1 għal kull membru tal-persunal;
13. Japprezza l-fatt li, fl-2017, l-Aġenzija adottat politika ġdida dwar il-protezzjoni tad-dinjità tal-persuna u l-prevenzjoni tal-fastidju; jappoġġja s-sessjonijiet ta' taħriġ organizzati biex ikabbru s-sensibilizzazzjoni tal-persunal u jissuġġerixxi li sessjonijiet ta' taħriġ u ta' informazzjoni dwar il-kwistjoni jiġu organizzati b'mod regolari;
14. Jinnota b'sodisfazzjon li, fl-2016, l-Aġenzija ma rċeviet l-ebda lment, azzjoni legali jew każ irrapportat marbuta mar-reklutaġġ jew mat-tkeċċija ta' membri tal-persunal;

Akkwist

15. Jinnota li l-medja ta' żmien ta' pagament tal-Aġenzija kien ta' 14-il jum, li huwa ferm taħt il-valur referenzjarju tal-Kummissjoni ta' 30 jum u l-mira tagħha ta' 20 jum; jinnota li l-Aġenzija pproċessat total ta' 4 740 tranżazzjoni finanzjarja, li jirrappreżentaw żieda ta' 11 % meta mqabbel mal-2015;
16. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, fil-15 ta' Diċembru 2016, l-Aġenzija ffirmat kuntratt qafas dwar l-isfruttar tas-sistema satellitari Galileo matul il-perjodu mill-2017 sal-2027, li jammonta għal EUR 1 500 000 000; jinnota, barra minn hekk, li l-kuntratt ingħata wara li saret proċedura ta' akkwist pubbliku; jinnota li wieħed mill-offerenti involuti fetaħ proċedimenti legali kontra l-Aġenzija fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti tal-Ġustizzja"), fejn huwa kkontesta l-eżitu tal-proċedura ta' akkwist; jirrikonoxxi li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja se tiddeċiedi dwar il-legalità u r-regolarità tal-proċedura ta' akkwist għall-kuntratt qafas u għall-kuntratti u għall-pagamenti speċifiċi futuri kollha relatati; jirrimarka li l-ewwel pagamenti mistennija jsiru fl-2017;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, it-trasparenza u d-demokrazzja

17. Jinnota li l-Aġenzija ppubblikat id-dikjarazzjonijiet ta' interess u s-CVs fil-qosor tal-maniġment superjuri tagħha fis-sit web tagħha;
18. Jirrimarka li l-Aġenzija għadha ma adottatx politika dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta; madankollu, jinnota li, skont r-rapport ta' segwitu, l-Aġenzija se tibda l-proċess ta' adożzjoni ta' politika dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta abbażi tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għall-aġenziji, li huwa mistenni li jiġu ffinalizzati fl-2018; jitlob lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-adożzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli tagħha dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta;

Kisbiet ewlenin

19. Jilqa' t-tliet kisbiet ewlenin identifikati mill-Aġenzija fl-2016, jiġifieri li:
- ikkompletat l-akkwist ta' EUR 1 500 000 000 fuq l-Operatur tas-Servizz Galileo;
 - aġġornat il-ftehim ta' delega tagħha mal-Kummissjoni fir-rigward ta' Galileo;
 - ikkompletat in-negozjati u ffirmat arranġament ta' ħidma mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) dwar Galileo;

Awditu intern

20. Jinnota li, fl-2016, is-Servizz ta' Awditjar Intern (IAS) wettaq awditu tal-proċess ta' ppjanar, monitoraġġ u rapportar tal-Aġenzija; jirrilieva l-fatt li l-awditu ma rrapporta l-ebda konklużjoni kritika; jinnota, barra minn hekk, li fl-2016, l-IAS ħabbar pjanijiet biex iwettaq valutazzjoni perjodika tar-riskju tal-Aġenzija f'April 2017;

Kontrolli interni

21. Jinnota li l-aħħar valutazzjoni dwar il-konformità mal-Istandards ta' Kontroll Intern saret f'Ottubru 2015 u li din uriet li l-Aġenzija kienet konformi ma' kull waħda mis-16-il Standard ta' Kontroll Intern minbarra waħda, il-"Kontinwità tal-Operazzjonijiet"; jinnota, barra minn hekk, li sussegwentement, fl-2016, l-Aġenzija tat bidu għal valutazzjoni korporattiva tal-kontinwità tal-operazzjonijiet; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar ir-riżultat ta' dik il-valutazzjoni;
22. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, fir-rapport tal-awditjar tiegħu ddatat Novembru 2016, l-IAS ikkonkluda li ma kien sar l-ebda eżerċizzju annwali ta' valutazzjoni tar-riskji fl-Aġenzija kollha fl-2016 u li r-riskji sinifikanti tal-Aġenzija mhumiex inklużi fid-dokumenti ta' ppjanar jew fir-Rapporti tal-attività tagħha; josserva, barra minn hekk, li l-IAS innota wkoll li t-terminoloġija użata għad-diversi elementi tas-sistema ta' kejl tal-prestazzjoni mhijiex konsistenti, u li għalhekk tfixkel il-monitoraġġ tal-prestazzjoni; jinnota li l-Aġenzija u l-IAS qablu dwar pjan biex tittieħed azzjoni korrettiva; jirrikonoxxi l-fatt li l-Aġenzija implimentat is-sejbiet tal-IAS fir-rigward tal-immaniġġjar tar-riskji u li fir-raba' trimestru tal-2016, l-Aġenzija ffinalizzat politika u proċedura għall-immaniġġjar tar-riskju korporattiv;

Kummenti oħra

23. Jinnota li l-Aġenzija topera kemm iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà ta' Galileo kif ukoll l-istazzjonijiet tal-art ta' Galileo, li t-tnejn jinsabu fit-territorju tar-Renju Unit; jirrimarka li l-istatus tar-Renju Unit fi ħdan dawn l-oqfsa għad irid jiġi ddeterminat; jistieden lill-Aġenzija taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni rigward in-negozjati tal-Brexit, sabiex tħejji ruħha b'mod suffiċjenti biex timminimizza kwalunkwe impatt operazzjonali jew finanzjarju negattiv li jista' jseħħ;
24. Jinnota b'diżappunt li l-viżibbiltà tal-Aġenzija tibqa' mhix sodisfaċenti, u li l-Aġenzija ma tirrilevax biżżejjed il-ħidma mwettqa mill-Unjoni fil-qasam ta' attività tal-Aġenzija; jitlob lill-Aġenzija tkun aktar proattiva rigward il-preżentazzjoni tal-missjoni u tax-xogħol tagħha lill-pubbliku ġenerali, u jitlobha tkabbar il-viżibbiltà ġenerali tagħha;
25. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2018 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2018)0133. Ara paġna 393 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali